**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 38** **23 ta' Settembru 2022**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru 2020, fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Keoron Bruno – Viċi Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier (6.00p.m.)

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri – Kunsillier

Andrew Cassar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

ĦADD

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

**38.1** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 37**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 37, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Andrew Cassar talab emenda għall-Minuti, fejn talab li l-ismijiet tan-nominati kollha jiġu mniżżla u ssir emenda għan-nomini.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 37 ġew approvati b'mod unanimu.

**38.2** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-Kunsill kien ppropona zona għall-kaxxa tad-deposits tal-flixken tal-plastic, fiz-zona ta' Ħal Farruġ, iżda kien hemm oġġezzjoni minn Transport Malta. Kien għalhekk li saret *on-site meeting* mad-Direttur tal-RVM u ġiet magħżula *site* oħra. Fil-fatt din il-kaxxa se ssir fejn l-entratura tal-family park, liema *site* ġiet approvata.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li se ssir il-laqgħa tas-Sindku, fil-5 ta' Novembru. Is-Sindku kkonferma l-attendenza tiegħu.

**Is-Sindku John Schembri** fakkar li nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru se ssir il-laqgħa annwali tar-Reġjun Nofsinhar u ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li nhar is-26 ta' Novembru se ssir ħarġa għal Għawdex, fejn flimkien mar-residenti tal-Fontana se niċċelebraw l-festa Liturġika ta' Sant'Andrija.

**38.3** **Post Mortem – Kunċert u Attivita Ġieħ Ħal Luqa 2022**

**38.3.1** Is-Sindku qal li l-attivita' kienet organizzata tajjeb ħafna, iżda xtaq li jara nies anke minn barra r-raħal. Is-Sindku ssuġġerixxa li tali attivita' għandi tiġi organizzata fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Luqa jew ftit ġranet qabel il-festa.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina ġibed l-attenzjoni li ċertu spejjeż setgħu ntefqu aħjar. Eżempju kien il-poster li sar fil-pjazza, fejn qal li kien ikun aktar opportun kieku sar billboard fl-entraturi tal-lokalita'.

Il-Viċi Sindku Keoron Bruno qal li l-Kunsill għandu jinvesti f'kantanti jew gruppi li jattiraw udjenzi u folol akbar, għaliex li qed jiġri hu li l-istess kantanti maltin qed jiġu mistiedna kullimkien.

Il-Kunsillier Eric Camilleri qal li tribute band tiġi ferm orħos minn dawk maltin u tiġbed udejnzi ferm akbar.

## 38.4 Skemi

### 38.4.1 Skema Proġetti Kapitali

Is-Sindku John Schembri nfurma li ħarġet l-iskema ta' Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika għal tibdil tar-*rubber flooring* tal-*playingfield* ta' Misraħ iż-Żgħażagħ.

### 38.4.2 Skema Proġetti fil-Komunita – LESA

Is-Sindku John Schembri nfurma li ħarġet l-iskema ta' Finanzjament minn LESA Proġetti fil-komunita'.

Il-Kunsill approva li titressaq applikazzjoni għar-restawr tal-Kappella Santa Marija tal-Ftajjar li tinsab fi Triq il-Karmnu.

### 38.5 Milied 2023

Is-Sindku John Schembri ppropona li fl-okkażjoni tal-Milied 2022 jiġu organizzati dawn l-attivitajiet;

- Kompetizzjoni tat-tpinġija għat-tfal
- Kompetizzjoni għall-isbaħ gallarija mżejna
- Christmas Village u Kunċert tal-Milied

Barra minhekk ippropona li jsir tiżjin tat-toroq b'pavaljuni tad-dawl,bħas-sena li għaddiet.

## 38.6 Ħwejjeġ Oħra

38.6.1

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** nfurma dwar il-ħtieġa li jsir traffic management fiz-zona ta' Triq l-Iskola u l-akwata. Is-Sindku John Schembri ppropona li ssir laqgħa mar-rappreżentanti ta' TM sabiex tiġi diskussa din il-proposta.

38.6.2

**Il-Kunsillier Maria Magri** ġibdet l-attenzjoni dwar il-ħtieġa ta’ żebra crossing fi Triq il-Gudja. Is-Sindku nfurma li ntbagħtet korrispondenza lis-CEO l-ġdid ta’ Transport Malta s-Sur Jeffrey Curmi.

38.6.3 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** nfurma li qed ikollu bosta rapporti dwar problemi bil-ħamiem selvaġġ. Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kunsill kien diġa għamel eżerċizzju simili u spiċċa kkritikat u attakkat, minkejja l-fatt li kollox kien sar skont kif mitlub mil-liġi.

38.6.4

**Il-Kunsillier Lucia Massa** talbet li l-Kunsill jitlob lil Malta Public Transport tipprovdi s-servizz ta’ transport pubbliku minn Ħal Luqa għal Belt Valletta, fl-okkażjoni tan-Notte Bianca.

38.6.5

**Il-Kunsillier Frederick Aquilina** nfurma li qed ikollu bosta lmenti dwar il-bagħal taż-żunżan f’bosta toroq tal-lokalita’. Is-Sindku John Schembri qal li din il-kwistjoni ma taqax taħt ir-responsabbilta’ tal-Kunsill Lokali.

38.6.6

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ġibdet l-attenzjoni li x-xahar ta’ Ottubru huwa x-xahar iddedikat lil vittmi tal-Breast Cancer u ssuġġeriet li l-Kunsill jinxtegħel bil-kulur roża. Il-Kunsill approva b’mod unanimu.

38.7

## Skeda ta’ Ħlasijiet

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta’ Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** ssekonda.

L-iSkeda ta’ Ħlasijiet ġiet approvata b’mod unanimu.

38.8

## Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fis-6.40p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta’ Ottubru fil-5.30p.m.

Konfermati, llum ______________________________________

John Schembri — Sindku

Karen Camilleri — Deputat Segretarju Eżekuttiv